# Il-Fortizza ta' Delimara



Joseph Gravina

## Fortifikazzjoni

*'Grazzi għas-sur Mario Farrugia, id-direttur ġenerali tal-Fondazzjoni Wirt Artna, ix-xogħol, l-istudji u kitba li għamel lill-Kunsill Lokali f'Marsaxlokk dwar il-fortifikazzjonijiet meta jiena kont kunsillier, artikli mill-internet u gazzetti, illum nista' ngħaddi informazzjoni utli dwar il-fortifikazzjoni li għadna mifruxa fil-konfini li jsawwru dan il-lokal'.*

## Dettalji ta' Fortifikazzjonijiet




### *Infurzar kostali*

Is-sistema ta' difens madwar il-kosta ta' Malta addottata mill-Kavallieri fis-seklu tmintax kienet bażikament fuq tliet komponimenti – il-Batteriji, ir-Refuġji u l-infanteriji.

Il-Batteriji kienu normalment jinbnew f'ħalq kull bajja u kienu ddisinjati biex permess tal-kanuni tagħhom jitqabdu ma l-għadu ġej mill-baħar biex jiżbarka lit-truppi tiegħu. Għal dan il-għan l-inġiniera Franċiżi mqabbda mill-kavallieri ddisinjaw bini għall-infanterija u kienu jinbnew f'nofs uħud mill-bajjiet unerabbli. Dawn kienu meqjusa bħala post ta' difens qawwi b'nuqqas ta' possibilità li l-għadu, darba l-art jilħaq jistabbilixxi ruħu b'forza l-art ukoll.

L-infanteriji kienu forma ta' fortifikazzjoni militari użata mill-Franċiżi. Fil-maġġoranza tagħhom dawn kienu mibnija f'forma ta' pjattaforma pentagonali mdawwra b'ħitan baxxi u b'kamra waħda, b'foss baxx madwarha. Minn dawn ir-refuġji kien hemm tliet tipi. Hawn Malta tlieta biss kienu mibnija b'dan il-mod u dawn jinsabu fl-inħawi ta' Marsaxlokk. FRESNOY, SPINOLA u VENDOME. Spinola u Vendome kienu kwadri fid-disinn imma dik ta' Kalafrana kellha l-faċċata nofs tond. Dik eżistenti f'Marsaxlokk hija tat-tielet tip u tikkonsisti fi struttura bħal Torri b'ħafna toqob biex jintużaw mill-musketieri stazzjonati fiha.

### *Uħud mid-definizzjonijiet użati*

Batterija; pożizzjoni ppreparata għall-installazzjoni ta' altillerija ġewwa. Anki grupp ta' kanuni.

Embrasura; parti interna nklinata f'ħajt jew fetħa għall-kanun.

Fossa; kanal fond u wiesa' mħaffer fl-art bi skopp biex iżomm l-għedewwa milli jitilgħu ma' forti.

Post ta' Sorveljanza għall-mini; post użat għas-sorveljanza ta' mini tas-submarini u dawk fil-kosta. Mini tas-submarini kienu użati kontra l-iżbarkament fix-xtajtiet u kontra l-bastimenti tal-għedewwa li jittantaw jidħlu fil-port.

Fanal difensiv; fanali nstallati fil-kosta kienu użati sabiex jilluminaw arja mix-xtajta ppreparata b'armi u kanuni fl-art.

*Ikompli f'paġna 87...*

Gun post; pożizzjoni mgħottija fejn kien ikun mmuntat kanun żgħir. Dawn kienu mibnija sabiex jgħassu postijiet taż-żbarkar fix-xtajtiet u jintużaw mill-infanterija.

***REĠIMENTI U DIFIŻA***

L-Ordni taħt l-influwenza Franċiża bdiet tadotta l-kunċett li tirreżisti l-għadu milli jinżel artna. It-torrijiet kostali ma kienux għadhom jitqiesu suffiċenti u għalhekk bdew jiġu ntrodotti l-Batteriji u nfanteriji u għalhekk inħasset il-ħtiega ta' ri-disinnjar fis-sistema u effiċenza fil-militar lokali.

Għar-rispons ta' din l-istrateġija, il-kongregazzjoni tal-gwerra ħarġet b'ordnijiet dwar il-forzi armati speċjalment ir-reġimenti tal-lokal. Għalhekk fl-1716 l-uffiċjali bdew jitrenjaw l-irġiel fdati lilhom. It-tmien reġimenti ġew riformati għal sitta u mqassma l-fuq u l-isfel tal-gżira. Il-kwartieri għal dawn il-Brigati kienu stabbiliti għalkemm drabi kien jintuża wkoll it-torri San Lucjan flok il-knisja qadima ta' San Girgor fiż-Żejtun.

Is-sitt reġimenti kienu maqsuma f'diviżjonijiet kull waħda imsejjħa bandiera. Kull waħda terġa' kienet iffurmata minn numru ta' kumpaniji.

F'dik l-istess sena r-reġiment ta' Ħaż-Żebbug kien responsabbli mid-difens tal-bajja ta' Marsaxlokk f'firxa mit-torri San Luċjan sal-ponta ta' Delimara, imma fl-1761 l-istess reġiment kien responsabbli tal-kosta mill-bajja ta' San Ġorg sal-Madliena.




## Il-Forti Delimara

• F'April ta' 1873, il-Kumitat tad-Difiża Brittanika rrikomanda Batterija rregulari fil-pjann, fil-ponta ta' Delimara, u oriġinarjament proposta biex tkun mgħammra b'5X64prs biex jisparaw lejn l-art.

• Sentejn wara, jiġifieri fl-1875, il-kumitat irrapporta li "x-xogħol fil-ponta ta' Delimara hu ta' importanza kbira peress li din tissalvagwardja l-Bajja ta' Marsaxlokk li huwa l-aktar port addattat f'Malta li l-għadu jattakka minnu". Għalhekk kien deċiż li jsiru 6 kanuni flok il-ħamsa b'addazzjoni ta' ieħor 64 prs.

• Ix-xogħol fuq il-Forti beda fl-1876 imma ma tlestiex qabel l-1888 (kif hemm indikat fuq il-bieb). Fl-1878 kienet diġà armata b'sitt kanuni ta' 38 tunnellati kull kanun b'12.5 pulzier Rnls, u b'mira ta' 6,000 jarda. In-nefqa kienet ta' madwar 22,353 Liri. Kienet irregolari fil-pjan, b'sitt postijiet

*Ikompli f'paġna 89...*

għall-kanuni. L-ambrażuri li kienu maqtugħa fil-blat bajdani kienu viżibli minn mili bogħod u nħassu li kienu ta' mira għall-għadu u għalhekk kellhom jiġu miżbugħa bħall-blat qrib. L-erba' naħat l-oħra tal-Fortizza kienu protetti b'ħajt baxx qawwi u b'foss, b'galleriji armati bi tmien 32-pr smooth bore BL. Kien hemm ukoll trupp ta' sitta u tletin u magazzin b'1510 barelli, porvli u riserva ta' 400 barella oħra.

• Il-kanuni huma ta' interess partikolari għaliex tnejn għadhom jeżistu, għalkemm abbandunati. Dawn huma Mark I b'kalibru ta' 12.5in, tul 19 il-pied u 2 pulzieri u qatt ma kienu riborjati jew konvertiti għal Mark II. Fl-1888 il-Ġenerali Nicholson u Goodenough qablu b'addizjoni ta' 9inch howitzers biex isaħħu l-kmand tal-bajja fejn ma kienx jidher bit-38 ton kanuni. Imma dan ma kienx neċċessarju għaliex f'Diċembru 1888, inbeda xogħol ġdid għal ħlas ta' 7,952 biex jikkonvertu l-Fortizza u filwaqt li jqawwu b'abilità l-armamenti. jikkonsidraw l-istess Fortizza bħala assoluta. Fil-fatt fit-30 ta' Settembru 1892 ix-xogħol kien tlesta biex jiġi armat kanun 9.2 u tnejn oħra 6 inch Bl guns', bi tnejn 5 pulzieri approvati wara. F'Awwissu 1907 il-Kunsill tal-Armata kien approva 2x9.2 pulzieri BL Mark X li oriġinarjament kellhom ikunu muntati f'Batterija f'Benajsa. Wieħed tpoġġa fis-sajf ta' l-1912 u l-ieħor f'Marzu ta' sena wara.



Il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk kemm -il darba kiteb lill-awtoritajiet dwar din il-fortizza u ta s-suġġerimenti tiegħu. Il-Kunsill kien wera wkoll l-interess tiegħu biex jidħol f'*joint venture* mal-Fondazzjoni Wirt Artna sabiex il-Fortizza ta' Delimara tiġi rrestawrata u rreabilitata għall-użu addattat għaliha.

Jiena naħseb li s-suċċess fil-qagħdi tad-dmir tal-M.E.P.A. għandu jirrifletti u jitqies mill-ħarsien bil-għaqal tas-siti storiċi sew dawk meħuda f'idejn il-privat u dawk li waqgħu f'idejn organizzazzjonijiet.

Hija tassew ħasra meta wieħed jifli l-istorja tal-lokal, jaqra dwar tant postijiet ta' interess u ma jkunx jista' jara b'għajnejh kif inbnew u minn min, x'parti taw lill-istorja kemm lokalment kemm nazzjonalment, it-tqassim arkitettiku tagħhom, il-pożizzjoni tas-siti u tant affarijiet b'rabta ma' kull post.

Imma hija tassew aktar sitwazzjoni ta' tħassib u biki meta fil-preżent ikollok tidħol sabiex iżżur xi sit minn tant mifruxa fil-lokalità ta' Marsaxlokk għaliex l-ebda wieħed ma jidher li huwa mħares u meqjus bħala monument storiku.




Fl-opinjoni tiegħi kull kerrej għandu jkun inċentivat u mgħallem mill-Gvern ċentrali sabiex kull post ikun rrestawrat u tinkiteb l-istorja dwaru, kif ukoll jinħolqu ġranet fil-kalendarju fejn ikunu jistgħu jsiru attrazzjonijiet għat-turisti.

*Ikompli f'paġna 91...*

Fil-11 ta' Awwissu 2005 il-Ministru tal-Ġustizzja Tonio Borg għadda ċ-ċwievet tal-"Fortizza Delimara" lill-President tal-Fondazzjoni Wirt Artna, is-sur Mario Farrugia. Dan wara li għamlet żmien abbandunata u għadd ta' snin serviet għat-trobbija tal-annimali u fl-aħħar kienu nġabru t-tjur fiha minħabba l-famuża marda tat-tjur. Skond il-Fondazzjoni Wirt Artna għad fiha kanuni mill-era Vittorjana li għadhom fil-post oriġinali tagħhom. Hemm il-ħsieb li din il-fortizza tkun rrestawrata sabiex tkun ta' attrazzjoni u tilqa' fiha turisti li jżuru l-inħawi.



Fil-gazzetta *The Times of Malta* datata l-Erbgħa 3 ta' Frar 2010 kien imħabbar li għad m'hemmx pjanijiet sabiex tkun irrestawrata l-Fortizza f'Delimara li kull ma jmur jiġġarraf l-irdum madwarha. Ma' dan wieħed irid iżid li l-Ministru tal-Edukazzjoni u Kultura, Dolores Cristina, qalet fil-Parlament li għandhom isiru taħditiet bejn Fondazzjoni Wirt Artna u NGO biex jinstabu l-possibilitajiet ta' ftehim u kooperazzjoni għall-programm ta' restawr.

Din il-Fortizza li nbniet mill-Ingliżi serviet għat-trobbija tal-ħnieżer bejn 1982 u 2005 fejn imbagħad għaddiet f'idejn l-organizazzjoni Wirt Artna biex tkun żgurata u jitwaqqaf kull vandaliżmu.

F'intervista mal-istess ġurnal, is-sajjied Raymond Bugeja, segretarju tal-kooperattiva Nazzjonali tas-Sajjieda, irrimarka li l-blat fejn kienet mibnija l-Fortizza, kien kull ma jmur jiġġarraf, aktar u aktar minn meta nbena l-breakwater tat-terminal tat-trażlog faċċata ta' Delimara fis-snin tmenin. Dan biddel il-mod naturali kif l-mewġ kien jgħaddi minn dawk in-naħat, fejn tbiddlitlu r-rotta u beda jaħbat mal-blat taħt il-Fortizza. L-aktar mod sensibbli kif wieħed jittekilja din il-problema hija billi tinbena sistema li tkisser iċ-ċaqliq, u jkun eleminat dan it-theddid.

Il-Fondazzjoni Wirt Artna fittxet operaturi privati biex jgħinuha f'dan il-proġett li minħabba l-finanzi qatt ma wasal. Skond il-pjanijiet, il-Fortizza kellha tkun irrestawrata bl-għann li tkun attrazzjoni turistika. Id-direttur ġenerali tal-Fondazzjoni kkritika l-gvern għan-nuqqas ta' azzjoni biex jissalvagwardja l-Fortizza li fiha, l-aħħar erba' kanuni eżistenti fid-dinja, ta' 38-Tunnellaġġ, u li huma immuntati fuq vaguni. Wirt Artna ħadet il-Fortizza u bħal ma jiġri dejjem, xejn ma sar.

Il-ġeoloġista Peter Gatt spjega li l-blat li jagħmel il-peniżola ta' Delimara jikkonsisti minn irdum tafli li jitgħawwar bil-baħar. Dan ġa ssarraf b'ħafna mill-irdum jiddemolixxi. Jitkellem dwar il-kawża ta' dan, huwa qal li x'aktarx il-kostruzzjoni tal-Impjant tal-Enerġija, madwar 400 metru bogħod kellha mpatt fuq il-faċċata ta' art oppost tagħha. Hemm, il-kosta hija magħmula mill-konkrit u l-mewġ iżid mal-kosta b'riżultat ta' ħsara qawwija aktar taħt il-Fortizza.